MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1198/2002/1

**Avviz Numru 1198/02 AJD**
**Raymond Dimech u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi fejn hemm indikat isem l-attur kellhom jizdiedu l-kliem 'u Suzanne Dimech' wara l-kliem 'Raymond Dimech'**

**vs**

**Henry Colin Edward u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi isem il-konvenut kellu jigi ndikat bhala 'Colin Edward Henry'**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u zewg liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1,102.80) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm980.00 bhala bilanc minn soma akbar kif stipulat fi skrittura privat bejn il-partijiet (Dok. 'A') u in

kwantu ghas-somma ta’ Lm122.80 rapprezentanti xoghol maghmul mill-attur a favur tal-konvenut.
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-imsemmija skrittura privata u mid-data tax-xoghlijiet rispettivament sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut.

Ra d-digriet tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi isem il-konvenut ghandu jigi ndikat bhala ‘Colin Edward Henry’ u fejn hemm indikat isem l-attur ghandhom jizdiedu l-kliem ‘ u Suzanne Dimech’ wara l-kliem ‘Raymond Dimech’.

Ra n-nota prezentata mill-atturi fis-6 ta’ Jannar 2003 fejn huma rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta’ mitejn lira Maltin(Lm200.00).

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fis-6 ta’ Jannar 2003 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif ridotti.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-lum.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------